MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 101/2013

**IL-PULIZIJA**
**VS**
**STEFKA SANDEVA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stefka Sandeva ta’ 51 sena, bint Hristo u Gina nee’ Nikolova, mwielda fit- 8 ta’ Frar 1961 Bulgarija, residenti temporanjament f’ Malta u detentrici tan- numru 115491191 (Bul);

Talli;

1. Akkuzata talli f’dawn il-gzejjer, nhar il-31 ta’ Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:00 ta’ filghodu, gewwa l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta’ kartiera, flus kontanti, credit cards u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Tereza Cachia;

2. Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-31 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:15 ta' filghodu, minn gewwa stabbiliment Peacoks fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti, credit cards u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Giovanna Galea;

3. Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-31 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:45 ta' filghodu, gewwa l-istabbiliment Promod sitwat fi Triq ir-Repubblika Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Helen Mary Bonnici;

4. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-5.30pm minn gewwa Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera u flus kontanti, u dan ghad-detriment ta' Cody Gale Grech;

5. Akkuzata ukoll talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:30 ta' filghodu, minn gewwa stabbiliment Peacoks fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' flus kontanti, kartiera u credit cards u dan ghad-detriment ta' Hazel Jessie ta' nazzjonalita Ingliza;

6. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tas-1:30 ta' wara nofsinhar, minn Triq ir-Repubblika Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' flus kontanti u kartiera liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Barbara Markowski ta' nazzjonalita Germaniza;

7. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tan-12:10 ta' wara nofsinhar, minn Triq Nofsinhar Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' flus kontanti u kartiera liema serq ikkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Rita Fenech;

8. Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-10:30am, minn gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera,

flus kontanti u dokumenti u dan ghad-detriment ta' Nicolina Agius;

9. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:30am, minn gewwa l-istabbiliment Dorothy Perkins sitwat fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti u dokumenti u dan ghad-detriment ta' Anonia Ellul;

10. Akkuzata talli nhar id-29 ta' Jannar 2013, ghal habta tan-12:30pm, minn gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti u dokumenti u dan ghad-detriment ta' Rita Seychelle;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi;

Rat illi d-derubati kienu thallsu l-valur tal-oggetti misruqa mill-imputata u mill-komplici taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261(c), 42(d) u 284 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------